**Motivi u argumenti prinċipali**

It-terminu għat-traspożizzjoni tad-direttiva skada fil-5 ta' Ottubru 2005.

([1]) ĠU L 269, p. 15.

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Wojewódzki Sąd Administracyjny we Wrocławiu (ir-Repubblika tal-Polonja) fl-4 ta' Diċembru 2007 — Uwe Rüffler vs Dyrektor Izby Skarbowej we Wrocławiu Ośrodek Zamiejscowy w Wałbrzychu

**(Kawża C-544/07)**

(2008/C 37/27)

*Lingwa tal-kawża: Il-Pollakk*

**Qorti tar-rinviju**

Wojewódzki Sąd Administracyjny we Wrocławiu

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Uwe Rüffler

*Konvenuti:* Dyrektor Izby Skarbowej we Wrocławiu Ośrodek Zamiejscowy w Wałbrzychu.

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 12(1) u l-Artikolu 39(1) u (2) tat-Trattat KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu d-dispożizzjoni prevista fl-Artikolu 27b ta' l-ustawa o podatku dochodowym od osób fizycznych (Liġi dwar it-taxxa fuq l-income tal-persuni fiżiċi) li tipprovdi li d-dritt għat-tnaqqis mid-dħul taxxabbli ta' ammonti mħallsa bis-saħħa ta' kontribuzzjonijiet ta' assigurazzjoni medika obligatorja huwa limitat biss għal dawk il-kontribuzzjonijiet imħallsa abbażi tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, f'sitwazzjoni fejn persuna residenti fit-territorju nazzjonali titlob li mid-dħul taxxabbli tagħha fil-Polonja jitnaqqsu kontribuzzjonijiet imħallsa f'sistema ta' assigurazzjoni medika obbligatorja ta' Stat Membru ieħor?

---

## Appell imressaq fit-8 ta' Diċembru 2007 minn Akzo Nobel Chemicals Ltd, Akcros Chemicals Ltd kontra s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal Prim'Istanza (L-Ewwel Awla) fis-17 ta' Settembru 2007 fil-Kawża T-253/03, Akzo Nobel Chemicals Ld u Akcros Chemicals Ltd vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

**(Kawża C-550/07 P)**

(2008/C 37/28)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Akzo Nobel Chemicals Ltd, Akcros Chemicals Ltd (rappreżentanti: C. Swaak, M. Mollica u M. van der Woude,)

*Partijiet oħra fil-kawża:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, Conseil des barreaux européens, Algemene Raad van de Nederlandse Orde van Advocaten, Association européenne des juristes d'entreprise (AEJE), American Corporate Counsel Association (ACCA) — European Chapter, International Bar Association

**Talbiet ta' l-appellanti**

L-appellanti jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jogħġobha:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-17 ta' Settembru 2007 fil-kawża T-253/03, safejn ċaħdet it-talba għall-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet bejn avukati u klijenti fil-konfront tal-komunikazzjonijiet ma' l-avukat intern ta' Akzo Nobel;

— tannulla d-deċiżjoni ta' ċaħda tal-Kummissjoni tat-8 ta' Mejju 2003, safejn tiċħad li trodd lura l-korrispondenza bil-posta elettronika ma' l-avukat intern ta' Akzo Nobel (parti middokumenti B);

— tikkundanna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż ta' dan l-appell u tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza safejn jirrigwardaw l-aggravju mqajjem fl-appell preżenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

L-appellanti jsostnu li billi ċaħdet din it-talba, il-Qorti tal-Prim'Istanza kisret il-liġi Komunitarja. B'mod partikolari, l-appellanti jsostnu li, billi segwiet b'mod strett interpretazzjoni parzjali u letterali ta' xi paragrafi mis-sentenza AM&S EUROPE vs Il-Kummissjoni ([1]), il-Qorti tal-Prim'Istanza:

1. tat interpretazzjoni żbaljata tal-prinċipju tal-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet bejn avukati u klijenti kif spjegat fis-sentenza AM&S, u b'hekk kisret il-prinċipju ta' ugwaljanza (taqsima B)

2. sussidjarjament, billi ċaħdet li terġa' tinterpreta l-prinċipju tal-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet bejn avukati u klijenti fid-dawl ta' żviluppi sinjifikattivi fl-isfond ġuridiku, kisret il-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tad-drittijiet tad-difiża u taċ-ċertezza legali (taqsima C); u

3. iktar sussidjarjament, kisret l-Artikolu 5 KE (prinċipju ta' l-attribuzzjoni ta' kompetenzi) u l-prinċipju ta' l-awtonomija tal-proċedimenti nazzjonali (taqsima D).

(1) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Mejju 1982, 155/79, Ġabra p. 1575.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza) fil-11 ta' Diċembru 2007 — Komun ta' Sausheim vs Pierre Azelvandre

**(Kawża C-552/07)**

(2008/C 37/29)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Komun ta' Sausheim.

*Konvenut:* Pierre Azelvandre

### Domandi preliminari

1. Il-"post fejn ir-rilaxx ta' l-organiżmi modifikati ġenetikament se jsir", li ma jistax, skond l-Artikolu 19 tad-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE tat-23 ta' April 1990 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament [1], jinżamm kunfidenzjali, għandu jinftiehem bħala l-porzjon ta' art irreġistrata fil-katast jew żona ġeografika akbar li tikkorrispondi jew għall-Komun li fih ser iseħħ ir-rilaxx jew għal żona estiża aktar ("canton", dipartiment)?

2. F'każ li l-post għandu jinftiehem bħala li jindika l-porzjon ta' art irreġistrata fil-katast, tista' ssir eċċezzjoni bil-għan tal-protezzjoni ta' l-ordni pubbliku jew ta' sigrieti oħra protetti mil-liġi, għall-komunikazzjoni tar-referenzi katastali tal-post tar-rilaxx, fuq il-bażi ta' l-Artikolu 95 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea li saret il-Komunità Ewropea jew tad-Direttiva 2003/4/KE [2] tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali jew ta' prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju?

(1) ĠU L 117, p. 15.
(2) Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Diretiva tal-Kunill 90/313/KEE (ĠU L 41, p. 26).

## Rikors imressaq fit-13 ta' Diċembru 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika Franċiża

**(Kawża C-556/07)**

(2008/C 37/30)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentant: M. Nolin, M. van Heezik, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Franċiża

### Talbiet

— tikkonstata li billi naqset milli tikkontrolla, tispezzjona u tissorvelja b'mod sodisfaċenti l-attività tas-sajd, b'mod partikolari fir-rigward tal-projbizzjoni ta' l-għeżula tal-mitlaq għall-qbid ta' ċerti speċi, u billi m'assiguratx li jittieħdu miżuri xierqa kontra l-persuni responsabbli għall-ksur tal-leġiżlazzjoni Komunitarja fil-qasam ta' l-użu ta' l-għeżula tal-mitlaq, ir-Repubblika Franċiża naqset li twettaq l-obbligi imposti fuqha skond l-Artikoli 2 u 31(1) u (2) tar-Regolament 2847/1993 [1] u l-Artikoli 23(1) u (2), 24 u 25(1) u (2) tar-Regolament 2371/2002 [2];

— tordna lir-Repubblika Franċiża tbati l-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni takkuża lill-konvenuta li applikat b'mod inkorrett il-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar is-sajd. Din l-applikazzjoni inkorretta tikkonsisti, minn naħa, mill-fatt li l-awtoritajiet Franċiżi ma jikkunsidrawx it-tunnara bħala għażel tal-mitlaq meta, minħabba l-karatteristiċi tekniċi tagħha, it-tunnara tikkostitwixxi tabilħaqq tali għażel ipprojbit mil-leġiżlazzjoni Komunitarja. Il-fatt li t-tunnara tista' tkun stabbilizzata bl-għajnuna ta' ankra li żżomm f'wiċċ l-ilma hija, f'dan ir-rigward, irrilevanti inkwantu din l-istabbilizzazzjoni ma tfissirx li t-tunnara ma tistax tinġarr mal-kurrenti tal-baħar jew mar-riħ, iżda biss li hija miżmuma minn sufruni u piżijiet sabiex l-effettività tagħha tiġi sfruttata bl-aħjar mod u sabiex jiġi evitat li hija żżomm orizzontalment eżatt taħt il-wiċċ.